MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Talba Numru. 1162/2002/1

**Datax Computer Centre u b'digriet ta' l-14 ta' Gunju, 2002, giet ordnata korrezzjoni fis-sens li isem l-attur jitnizzel bhala Datax Limited minflok Datax Computer Centre**
**vs**

**Pincott Security Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u tmienja u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1088.75), dovuti skond l-invoices 01898 u 01934 bhala bilanc tal-prezz ta' "computer equipment" mixtri mill-istess socjeta` konvenuta;**
**Bl-ispejjez u interessi ghall-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma deher hu.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. James Muscat Azzopardi. Ra n-nota prezentata mill-istess socjeta` attrici fil-25 ta' marzu, 2003, li biha gie cedut is-sorte pero` nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**It-Tribunal ma jistax ma jinnutax li f'dan il-kaz kienet saret korrezzjoni radikali fl-okkju li involviet spejjez ulterjuri; spejjez li definitivament m'ghandiex tbatihom is-socjeta` konvenuta.**

**Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi dwar l-ispejjez fis-sens li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------